Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

27 ta' Marzu 2014*

"Ċittadinanza tal-Unjoni — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Sistema lingwistika applikabbli għall-proċeduri ċivili"

Fil-Kawża C-322/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Landesgericht Bozen (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Ġunju 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Ġunju 2013, fil-proċedura

**Ulrike Elfriede Grauel Rüffer**

vs

**Katerina Pokorná,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta (Relatur), President tal-Awla, J. L. da Cruz Vilaça, G. Arestis, J.-C. Bonichot u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal K. Pokorná, minn M. Mairhofer u F. Bauer, avukati,

— għar-Repubblika Taljana, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn W. Ferrante, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Traversa u W. Bogensberger, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18 TFUE u 21 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn U. E. Grauel Rüffer u K. Pokorná fir-rigward ta' azzjoni għad-danni wara inċident tal-iskijjar.

### Il-kuntest ġuridiku

3 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 122 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Taljan (Zivilprozessordnung) jipprovdi:

"L-użu tal-lingwa Taljana huwa meħtieġ matul il-proċedura kollha."

4 L-Artikolu 156 ta' dan il-kodiċi jipprovdi:

"1. Ma tistax tiġi ddikjarata n-nullità tal-atti proċedurali minħabba ksur tar-regoli proċedurali jekk ma hijiex prevista mil-liġi.

2. Madankollu, tista' tiġi ddikjarata n-nullità meta l-att proċedurali ma jissodisfax ir-rekwiżiti proċedurali li huma indispensabbli għat-twettiq tal-għanijiet tiegħu.

3. Ma tistax tiġi ddikjarata n-nullità meta l-att proċedurali jkun laħaq l-għan li kien ifittex li jilħaq."

5 B'deroga għal din ir-regola, il-lingwa Ġermaniża tista' tintuża quddiem il-qrati tal-provinċja ta' Bolzano, fil-kawżi ċivili, kriminali jew amministrattivi. L-użu ta' din il-lingwa quddiem l-imsemmija qrati huwa bbażat fuq l-Artikoli 99 u 100 tad-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 670, tal-31 ta' Awwissu 1972, li japprova t-test uniformi tal-liġijiet kostituzzjonali dwar l-istatus speċjali tat-Trentino-Alto-Adige (iktar 'il quddiem id-"DPR Nru 670/1972"), kif ukoll fuq id-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 574, tal-15 ta' Lulju 1988, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-istatus speċjali għar-reġjun tat-Trentin-Alto-Adige fil-qasam tal-użu tal-lingwa Ġermaniża u tal-lingwa Ladina fir-relazzjonijiet taċ-ċittadini mal-amministrazzjoni pubblika u fil-proċeduri ġudizzjarji (iktar 'il quddiem id-"DPR Nru 574/1988").

6 L-Artikolu 99 tad-DPR Nru 670/1972 jipprovdi:

"Fir-reġjun, il-lingwa Ġermaniża titqiegħed fuq livell ugwali mal-lingwa Taljana, li hija l-lingwa uffiċjali tal-Istat. Fl-atti ta' natura leġiżlattiva u fil-każijiet fejn din il-liġi tipprovdi għal redazzjoni bilingwi, hija l-verżjoni Taljana li hija l-awtentika."

7 L-Artikolu 100 tad-DPR Nru 670/1972 jipprovdi:

"Iċ-ċittadini tal-provinċja ta' Bolzano li jitkellmu bil-Ġermaniż għandhom id-dritt jużaw il-lingwa Ġermaniża fir-relazzjonijiet tagħhom mal-qrati u mal-korpi u servizzi tal-amministrazzjoni pubblika li jinsabu f'din il-provinċja jew li għandhom kompetenza reġjonali, kif ukoll mal-konċessjonarji li jipprovdu servizzi pubbliċi fil-provinċja."

8 Skont l-Artikolu 1(1) tad-DPR Nru 574/1988:

"Dan id-digriet jirregola l-użu tal-lingwa Ġermaniża b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu XI tal-istatus speċjali tat-Trentino-Alto-Adige [...]. Fir-reġjun, il-lingwa Ġermaniża titqiegħed fuq livell ugwali mal-lingwa Taljana, li hija l-lingwa uffiċjali tal-Istat:

a) fir-relazzjonijiet mal-korpi u servizzi tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll mal-persuni ġuridiċi u mal-istabbilimenti rregolati mid-dritt pubbliku li jinsabu fil-provinċja ta' Bolzano jew li għandhom kompetenza reġjonali, kif ukoll mal-konċessjonarji li jipprovdu servizzi pubbliċi fil-provinċja;

b) fir-relazzjonijiet mal-uffiċċji ġudizzjarji u mal-qrati ordinarji, mal-qrati amministrattivi u mal-qrati fiskali li għandhom is-sede tagħhom fil-provinċja ta' Bolzano;

c) fir-relazzjonijiet mal-Qorti tal-Appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali, it-Taqsima tal-Qorti tal-Appell għall-Minorenni, il-Prosekutur Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Appell, it-Tribunal għall-Minorenni, it-Tribunal ta' Sorveljanza u l-Awtorità ta' Sorveljanza, il-Kummissarju Reġjonali għall-ħlas tad-drittijiet ta' użu kollettiv [...];

[...]"

9 L-Artikolu 20 tad-DPR Nru 574/1988 jipprovdi:

"1. Fil-qasam ċivili, kull parti għandha dritt tagħżel il-lingwa li biha hija tikteb l-atti proċedurali tagħha. Din l-għażla hija espressa bir-redazzjoni b'lingwa waħda jew l-oħra tal-att promotur jew tar-risposta jew tal-atti ekwivalenti.

2. Meta l-att promotur u r-risposta jew l-atti ekwivalenti jinkitbu bl-istess lingwa, il-proċedura hija monolingwi. Altrimenti, il-proċedura hija bilingwi.

3. Fil-proċedura bilingwi, kull parti tuża l-lingwa li tkun għażlet. Id-digrieti jinkitbu u jingħataw biż-żewġ lingwi, sakemm il-parti kkonċernata ma tkunx irrinunzjat għal dan qabel it-tmiem tas-seduta li matulha jkun intalab l-għoti tad-digriet. L-attijiet u d-dokumenti tal-partijiet jinkitbu bil-lingwa Taljana jew bil-lingwa Ġermaniża, mingħajr obbligu li jiġu tradotti *ex officio* u bl-ispejjeż għall-qorti. Fil-proċedura bilingwi, il-partijiet li ma għandhomx id-domiċilju jew is-sede tagħhom fil-provinċja ta' Bolzano jistgħu, f'terminu perentorju ta' tletin jum b'effett min-notifika jew mill-preżentata tal-atti u dokumenti, jitolbu lill-qorti biex tittraduċihom f'lingwa oħra, kollha kemm huma jew parti minnhom, bl-ispejjeż għall-qorti. Il-qorti tista' teskludi t-traduzzjoni, kollha jew parti minnha, tad-dokumenti ppreżentati mill-partijiet, li hija tqis li huma irrilevanti."

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

10 Mill-proċess li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha għad-dispożizzjoni tagħha jirriżulta li U. E. Grauel Rüffer, ċittadina Ġermaniża ddomiċiljata fil-Ġermanja, waqgħet, fit-22 ta' Frar 2009, f'pista għall-iskijjar li tinsab fil-provinċja ta' Bolzano, u ndarrbet fl-ispalla tal-lemin. Skontha, din il-waqgħa ġiet ipprovokata minn K. Pokorná, ċittadina Ċeka ddomiċiljata fir-Repubblika Ċeka. U. E. Grauel Rüffer talbet lil K. Pokorná l-kumpens għad-dannu subit.

11 Fil-kuntest tal-proċedura ppreżentata quddiem il-qorti tar-rinviju, it-taħrika maħruġa, fl-24 ta' April 2012, fuq talba ta' U.E. Grauel Rüffer inkitbet bil-lingwa Ġermaniża. K. Pokorná, li rċeviet traduzzjoni bil-lingwa Ċeka ta' din it-taħrika fl-4 ta' Ottubru 2012, ippreżentat ir-risposta tagħha bil-lingwa Ġermaniża fis-7 ta' Frar 2013 u ma qajmet ebda eċċezzjoni fir-rigward tal-għażla ta' din il-lingwa tal-aħħar bħala lingwa tal-proċedura.

12 Matul l-ewwel seduta, il-qorti tar-rinviju, fid-dawl ta' sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2012 mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) (sentenza Nru 20715), qajmet il-kwistjoni tal-għażla tal-lingwa, jiġifieri l-lingwa Ġermaniża jew il-lingwa Taljana, li biha kellha tipproċedi l-kawża.

13 F'dik is-sentenza, il-Corte suprema di cassazione ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tad-DPR Nru 574/1988 japplikaw biss għaċ-ċittadini Taljani li jirrisjedu fil-provinċja ta' Bolzano.

14 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li skont l-imsemmija sentenza, il-konvenuta fil-kawża prinċipali ma tistax, meta tagħżel il-lingwa Ġermaniża bħala lingwa tal-proċedura, tissana n-nullità tal-att promotur li tirriżulta mill-użu ta' din il-lingwa. Għaldaqstant, kemm l-att promotur kif ukoll l-att proċedurali sussegwenti, jiġifieri r-risposta, għandhom jiġu ddikjarati nulli.

15 Madankollu, l-imsemmija qorti tqis li d-dritt tal-Unjoni jista' jipprekludi li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jiġu applikati skont l-interpretazzjoni li tathom il-Corte suprema di cassazione. Fil-fatt, tqum il-kwistjoni jekk humiex biss iċ-ċittadini Taljani li jirrisjedu fil-provinċja ta' Bolzano li għandhom il-possibbiltà li jużaw il-lingwa Ġermaniża quddiem qorti li tiddeċiedi fil-qasam ċivili, jew jekk din il-possibbiltà għandhiex tiġi offerta wkoll liċ-ċittadini Taljani li ma jirrisjedux f'din il-provinċja jew liċ-ċittadini ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea differenti mir-Repubblika Taljana li jirrisjedu fl-imsemmija provinċja jew, bħal fil-kawża prinċipali, liċ-ċittadini ta' dawk l-Istati Membri li ma jirrisjedux fl-istess provinċja.

16 Ċertament, skont il-qorti tar-rinviju, l-għan tad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-lingwa Ġermaniża huwa li tiġi protetta l-minorità etnika u kulturali li titkellem bil-Ġermaniż li tirrisjedi fil-provinċja ta' Bolzano. Madankollu, dan l-għan b'ebda mod ma jsofri mill-fatt li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tista' tapplika għaċ-ċittadini ta' Stati Membri differenti mir-Repubblika Taljana li jagħmlu użu mil-libertà ta' moviment tagħhom.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landesgericht Bozen iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-interpretazzjoni tal-Artikoli 18 u 21 TFUE tipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali nazzjonali bħal dawk li huma s-suġġett tal-kawża prinċipali, li jikkonferixxu d-dritt li tintuża l-lingwa Ġermaniża fil-kawżi ċivili li jitressqu quddiem il-qrati tal-provinċja ta' Bolzano biss lil ċittadini Taljani ddomiċiljati fl-imsemmija muniċipalità [provinċja], bl-esklużjoni ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni, irrispettivament minn jekk jirrisjedux jew le f'din il-muniċipalità?"

## Fuq id-domanda preliminari

18 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 18 TFUE u 21 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti d-dritt li, fil-kawżi ċivili li jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru li għandhom is-sede tagħhom f'entità territorjali partikolari ta' dan l-Istat, tintuża lingwa differenti mil-lingwa uffiċjali tal-imsemmi Stat biss liċ-ċittadini ta' dan tal-aħħar li jkunu ddomiċiljati f'din l-istess entità territorjali.

19 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, hemm lok li jitfakkar, qabelxejn, li fir-rigward ta' dawn l-istess dispożizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Bickel u Franz (C-274/96, EU:C:1998:563, punti 19 u 31), iddeċidiet li d-dritt mogħti minn leġiżlazzjoni nazzjonali li jinkiseb li proċedura kriminali titmexxa b'lingwa differenti mil-lingwa prinċipali tal-Istat ikkonċernat jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li dan tal-aħħar jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti liċ-ċittadini li jitkellmu b'lingwa partikolari, differenti mil-lingwa prinċipali tal-Istat Membru kkonċernat, u li jirrisjedu fit-territorju ta' entità partikolari d-dritt li jinkiseb li l-proċedura kriminali titmexxa bil-lingwa tagħhom, mingħajr ma tagħti l-istess dritt liċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra, li jitkellmu bl-istess lingwa, li jivvjaġġaw u jirrisjedu fl-imsemmi territorju.

20 Il-kunsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Bickel u Franz (EU:C:1998:563), li taċċetta li ċittadin tal-Unjoni, li jkun ċittadin ta' Stat Membru differenti mill-Istat Membru kkonċernat, bl-istess mod bħaċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru tal-aħħar, għandu d-dritt li jinvoka, fil-kuntest ta' proċedura kriminali, sistema lingwistika bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali u, għaldaqstant, jista' jindirizza ruħu lill-qorti adita b'waħda mil-lingwi previsti minn din is-sistema għandhom jinftiehmu li japplikaw għall-proċeduri ġudizzjarji kollha li jitressqu fl-entità territorjali kkonċernata, b'mod partikolari għal proċedura ċivili.

21 Li kieku kien mod ieħor, ċittadin ta' Stat Membru differenti mir-Repubblika Taljana li jitkellem bil-Ġermaniż, li jivvjaġġa u jirrisjedi fil-provinċja ta' Bolzano, ikun żvantaġġat meta mqabbel ma' ċittadin Taljan li jitkellem bil-Ġermaniż, li jirrisjedi f'din il-provinċja. Fil-fatt, filwaqt li tali ċittadin Taljan jista' jadixxi qorti, fil-kuntest ta' proċedura ċivili, u jikseb li din tal-aħħar titmexxa bil-Ġermaniż, dan id-dritt jiġi rrifjutat lil ċittadin ta' Stat Membru differenti mir-Repubblika Taljana li jitkellem bil-Ġermaniż, li jivvjaġġa fl-imsemmija provinċja.

22 Fir-rigward tal-osservazzjoni tal-Gvern Taljan li ma hemm l-ebda raġuni li d-dritt li tintuża l-lingwa tal-minorità etnika u kulturali kkonċernata jiġi estiż għal ċittadin ta' Stat Membru differenti mir-Repubblika Taljana, li jinsab fir-reġjun inkwistjoni biss b'mod okkażjonali u temporanju, ladarba huma ggarantiti lilu l-istrumenti li jippermettulu jeżerċita d-drittijiet tiegħu b'mod adegwat, minkejja l-fatt li ma jafx il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru ospitanti, għandu jiġi rrilevat li l-istess osservazzjoni kienet tressqet minn dan il-gvern fil-kawża li kienet wasslet għas-sentenza Bickel u Franz (EU:C:1998:563, punt 21) u li l-Qorti tal-Ġustizzja eskludietha fil-punti 24 sa 26 ta' dik is-sentenza meta kkonkludiet li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmur kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

23 Tali leġiżlazzjoni tista' tiġi ġġustifikata biss jekk tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi, indipendenti min-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati u proporzjonati għall-għan leġittimament imfittex mid-dritt nazzjonali (sentenza Bickel u Franz, EU:C:1998:563, punt 27).

24 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument imqajjem mill-Gvern Taljan, li l-applikazzjoni tas-sistema lingwistika inkwistjoni fil-kawża prinċipali għaċ-ċittadini tal-Unjoni jkollha l-konsegwenza li ttaqqal il-proċedura f'dak li jirrigwarda organizzazzjoni u termini, għandu jiġi rrilevat li din id-dikjarazzjoni hija kkontradetta b'mod espliċitu mill-qorti tar-rinviju, li skontha l-qrati tal-provinċja ta' Bolzano huma perfettament kapaċi jmexxu l-proċeduri ġudizzjarji bil-lingwa Taljana jew bil-lingwa Ġermaniża, jew b'dawn iż-żewġ lingwi.

25 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-osservazzjoni li tressqet minn dan l-istess gvern, dwar l-ispejjeż addizzjonali li tikkawża, għall-Istat Membru kkonċernat, l-applikazzjoni ta' din is-sistema lingwistika għaċ-ċittadini tal-Unjoni, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li motivi ta' natura purament ekonomika ma jistgħux jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali tali li jiġġustifikaw restrizzjoni għal libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat (ara s-sentenza Kranemann, C-109/04, EU:C:2005:187, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi kkunsidrata ġġustifikata.

27 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikoli 18 TFUE u 21 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħti d-dritt li, fil-kawżi ċivili li jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru li għandhom is-sede tagħhom f'entità territorjali partikolari ta' dan l-Istat, tintuża lingwa differenti mil-lingwa uffiċjali tal-imsemmi Stat biss liċ-ċittadini ta' dan tal-aħħar li jkunu ddomiċiljati f'din l-istess entità territorjali.

**Fuq l-ispejjeż**

28 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 18 TFUE u 21 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħti d-dritt li, fil-kawżi ċivili li jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru li għandhom is-sede tagħhom f'entità territorjali partikolari ta' dan l-Istat, tintuża lingwa differenti mil-lingwa uffiċjali tal-imsemmi Stat biss liċ-ċittadini ta' dan tal-aħħar li jkunu ddomiċiljati f'din l-istess entità territorjali.**

Firem